MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 253/2007

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 2150/03 fl-ismijiet:

Magdalene *sive* Maudy **CAMILLERI** f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri Clint

vs

Lawrence Anthony **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, Lawrence Camilleri talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju

maħruġ kontrih mill-intimata *proprio u nomine* minħabba li m'għadux aktar raġonevoli li l-imsemmi Mandat jibqa' fis-seħħ;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-12 ta' Lulju, 2007, u ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti jew ir-rappreżentanti tagħha;

Rat id-degriet mogħti fit-2 ta' Awissu, 2007[1], li bih l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-intimata esekutanti *proprio et nomine*;

Semgħet lill-avukat tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrent irid li din il-Qorti tħassar Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li martu (kemm f'isimha proprju u kif ukoll f'isem binhom minuri Clint) ħarġet kontrih fit-2 ta' Diċembru, 2003[2], u dan għaliex qiegħed jgħid li l-istess intimata esekutanti tilfet kull interess fl-istess pretensjonijiet tagħha u wkoll għaliex binhom illum laħaq l-eta' maġġorenni u b'hekk l-istess rikorrent m'għadux obbligat li jipprovdilu manteniment;

Illi min-naħa tal-intimata esekutanti ma tressqet l-ebda kontestazzjoni għat-talba tar-rikorrent esekutat;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti juru li l-Mandat inħareġ fit-2 ta' Diċembru, 2003, u kien notifikat lil erba' (4) sekwestratarji

[1] Paġ. 27 tal-atti
[2] Paġġ. 18 sa 21 tal-atti

– Ikoll banek kummerċjali – l-għada. Il-Mandat kien dwar kreditu ta' sitta u ħamsin elf lira Maltija (Lm 56,000) li, in kwantu għalsitt elef lira (Lm 6,000) minnhom kienu jirrappreżentaw manteniment pretiż minn martu għaliha u għal binha fuq medda ta' ħames (5) snin, u l-ħamsin elf lira (Lm 50,000) l-oħra jirrappreżentaw sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Dak il-Mandat inħareġ biex iħares pretensjonijiet li l-intimata eżekutanti kienet ressqet f'Att taċ-Ċitazzjoni li hija fetħet kontra r-rikorrent f'April, 2003[3]. L-iben tal-partijiet, Clint, twieled f'Westmead, New South Wales, l-Awstralja, fil-5 ta' Lulju, 1988[4]. Fis-16 ta' Jannar, 2004, ir-rikorrent kien ressaq talba quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) biex tħassar l-imsemmi Mandat minħabba li hu kien iqisu eċċessiv. B'degriet mogħti fit-22 ta' April, 2004[5], il-Qorti ma laqgħetx it-talba għat-tħassir tal-Mandat, imma irriduċiet l-ammont tas-somma kawtelata bih għal tlitt elef u sitt mitt lira Maltin (Lm 3,600), u dan relattivament biss għal manteniment dovut lill-minuri Clint Camilleri;

Illi għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

Illi r-rikorrent iserraħ it-talba tiegħu tal-lum fuq il-fatt li <u>fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli jew meħtieġ aktar</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[7].

---

[3] Ċitazz. Nru. 363/03NC li tinsab inħollija ghall-probabbli ċessjoni għas-17 ta' Ottubru, 2007 (kif ilha għal aktar minn tliet snin)
[4] Dok "D" f'paġ. 14 tal-atti
[5] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 11 tal-atti
[6] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-pretensjoni intimata eżekutanti ma tirriżultax, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fiergħ[8]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

Illi mill-atti jirriżulta li l-Mandat kien inħareġ b'kawżali partikolari. Dik il-kawżali kienet sfat mistħarrġa minn din il-Qorti f'talba li r-rikorrent kien għamel fl-2004 biex jitlob sewwasew it-tħassir ta' dan il-Mandat. Id-degriet mogħti kien għamilha ċara li, mit-tliet raġunijiet li l-intimata semmiet biex titlob il-ħruġ tal-Mandat, kien baqa' jgħodd biss il-kawżali tal-manteniment tal-minuri Clint Camilleri. F'dan id-dawl, dik il-Qorti kienet stabiliet is-somma li kellha tibqa' miżmuma. Clint Camilleri ma baqax aktar minuri wara l-5 ta' Lulju, 2006. Għalhekk, kemm wara l-ħruġ tal-Mandat u kif ukoll wara d-data li kien ingħata d-degriet imsemmi, seħħ bdil rilevanti fiċ-ċirkostanzi li jagħtu lok li l-Mandat ma jibqax iżjed fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tilqa' t-talba** tiegħu ladarba m'għadux iżjed raġonevoli li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih jibqa' fis-seħħ. Fiċ-ċirkostanzi, iżda, qegħda tordna lir-rikorrent li, permezz ta' Ċedola ta' Depożitu, jqiegħed taħt l-

[8] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

awtorita’ ta’ din il-Qorti s-somma ta’ tlitt elef u sitt mitt lira Maltija (Lm 3,600) biex tagħmel tajjeb għall-eventwali talba ta’ arretrati ta’ manteniment favur ibnu Clint Camilleri.

Mogħti kameralment illum, it-3 ta’ Ottubru, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------